

Brussell, 14 ta' Jannar 2022  
(OR. en)

5313/22

STATIS 3  
COMPET 21  
TOUR 4

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	12 ta' Jannar 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 2 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 692/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Ewropea dwar it-turiżmu

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2022) 2 final.

---

Mehmuż: COM(2022) 2 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 6.1.2022  
COM(2022) 2 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-  
KUNSILL**

**dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 692/2011 tal-Parlament Ewropew u  
tal-Kunsill dwar l-istatistika Ewropea dwar it-turiżmu**

## WERREJ

1.	SFOND.....	2
2.	KISBIET U TITJIB EWLENIN.....	2
3.	INFORMAZZJONI EWLENJA DWAR L-ISTATISTIKA EWROPEA DWAR IT-TURIŻMU .....	2
4.	ATTI DELEGATI U MIŻURI TA' IMPLIMENTAZZJONI.....	3
5.	IMPLIMENTAZZJONI TAR-REGOLAMENT .....	4
5.1.	Rilevanza .....	5
5.2.	Akkuratezza .....	5
5.3.	Tempestività u puntwalità .....	6
5.4.	Aċċessibbiltà u ċarezza.....	7
5.5.	Komparabbiltà .....	7
5.6.	Koerenza.....	7
6.	PIŻ U KOSTEFFETTIVITÀ.....	8
7.	PROSPETTIVA .....	8

## 1. SFOND

Ir-Regolament (UE) Nru 692/2011 dwar l-istatistika Ewropea dwar it-turiżmu<sup>1</sup> (“ir-Regolament”) stabbilixxa qafas komuni għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni sistematiċi tal-istatistika dwar it-turiżmu fl-Unjoni Ewropea. Dan irrifletta l-bidliet fl-ekonomija tat-turiżmu u fl-imġiba tat-turisti li seħħew mid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva tal-Kunsill 95/57/KE<sup>2</sup> u indirizza l-bidliet li rriżultaw mill-ħtiġijiet tal-utent.

L-Artikolu 7 tar-Regolament jgħid li, kull ħames snin, “*il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport ta’ evalwazzjoni dwar l-istatistika miġbura abbażi ta’ dan ir-Regolament, u b’mod partikolari, dwar ir-rilevanza tagħha u l-piż fuq is-settur tan-negozju*”.

L-ewwel rapport ta’ evalwazzjoni nħareġ fl-2016<sup>3</sup> u dan huwa t-tieni rapport ta’ dan it-tip. Jagħti ħarsa ġenerali lejn l-istatistika Ewropea dwar it-turiżmu, b’mod partikolari:

- ir-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (it-Taqsima 2);
- ir-raġunament għall-miżuri ta’ implimentazzjoni u l-atti delegati adottati mill-ewwel rapport (it-Taqsima 3).

Barra minn hekk, huwa jiddiskuti kif jiġi implimentat ir-Regolament, b’referenza għall-kriterji tal-kwalità stabbiliti għall-istatistika uffiċjali (it-Taqsima 4), u jħares lejn il-miżuri meħuda sabiex jitnaqqas il-piż fuq in-negozji (it-Taqsima 5). Fl-aħħar nett, ir-rapport jesplora r-reviżjoni possibbli tal-qafas legali attwali bil-għan li tiġi mmodernizzata l-istatistika dwar it-turiżmu (it-Taqsima 6).

## 2. KISBIET U TITJIB EWLENIN

- Il-Kummissjoni, f’kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab tagħha fis-Sistema Ewropea tal-Istatistika, teżegwixxi r-Regolament b’mod effettiv. Dan l-aħħar, il-qafas statistiku għen ukoll sabiex jintlaħqu l-ħtiġijiet tal-utenti li jimmonitorjaw l-impatt tal-COVID-19 fuq is-settur tat-turiżmu.
- L-għodod għall-adozzjoni ta’ atti delegati għenu biex jittejjeb il-livell ta’ dettall u t-tempestività tad-*data* disponibbli.
- Kull tliet snin saru studji pilota dwar il-kontijiet satellita tat-turiżmu (TSA), li jistgħu jwasslu għall-integrazzjoni tat-TSA meta jiġi mmodernizzat ir-Regolament.
- Sorsi u metodi ġodda ġew esplorati b’mod attiv u b’suċċess, u *data* li qabel ma kinitx disponibbli qiegħda tiġi ppubblikata bħala statistika sperimentali.

## 3. INFORMAZZJONI EWLENIJA DWAR L-ISTATISTIKA EWROPEA DWAR IT-TURIŻMU

L-ekosistema tat-turiżmu tal-UE tinkludi ktajjen tal-valur globalizzati u interkonnessi. Dawn jinkludu fornituri ta’ informazzjoni u ta’ servizzi offline u online (uffiċċji turistiċi,

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 692/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta’ Lulju 2011 dwar l-istatistika Ewropea dwar it-turiżmu u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 95/57/KE (ĠU L 192, 22.7.2011, p. 17).

<sup>2</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 95/57/KE tat-23 ta’ Novembru 1995 dwar il-ġbir tal-informazzjoni statistika fil-qasam tat-turiżmu (ĠU L 291, 6.12.1995, p. 32).

<sup>3</sup> Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 692/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Ewropea dwar it-turiżmu (COM/2016/489, 29.7.2016).

pjattaformi diġitali, fornituri tat-teknoloġija tal-ivvjaġġar), aġenti tal-ivvjaġġar u operaturi turistiċi, fornituri tal-akkomodazzjoni, organizzazzjonijiet ta' ġestjoni tad-destinazzjoni, attrazzjonijiet u attivitajiet relatati mat-trasport tal-passiġġieri (pereżempju, vjaġġi magħmula bl-ajru, bil-ferroviji u bil-kruċieri). Kumpaniji żgħar ħafna joperaw flimkien ma' korporazzjonijiet multinazzjonali kbar, u l-kapital privat u pubbliku huma marbutin flimkien<sup>4</sup>.

It-turiżmu jirreferi għall-attività tal-viżitaturi li jivvjaġġaw lejn destinazzjoni ewlenija barra mill-ambjent tas-soltu tagħhom, għal anqas minn sena, għal kwalunkwe għan ewlieni inkluż in-negozju, id-divertiment, jew għan ieħor personali, għajr biex jiġu impjegati minn entità residenti fil-post li fih issir iż-żjara. Is-settur tat-turiżmu tal-UE huwa importanti għall-ekonomija tal-Istati Membri kollha u jirrappreżenta sors sinifikanti ta' impjiegi. Kwalunkwe evalwazzjoni tal-kompetittività tiegħu teħtieġ għarfien tajjeb tal-volum tat-turiżmu, tal-karatteristiċi tiegħu, tal-profil tat-turist, tal-livell tan-nefqa tat-turiżmu u tal-benefiċċji għall-ekonomiji Ewropej.

Ir-Regolament (UE) Nru 692/2011 huwa l-bażi primarja għal statistika uffiċjali u armonizzata dwar il-provvista u d-domanda tat-turiżmu. Ir-Regolament ikopri, minn naħa waħda, *data* dwar il-kapaċità u l-okkupazzjoni tal-istabbilimenti tal-akkomodazzjoni turistika tal-UE u, min-naħa l-oħra, *data* dwar vjaġġi magħmula mir-residenti tal-UE. L-ewwel *data* ġeneralment tinġabar min-negozji fis-settur tal-akkomodazzjoni (*data* ta' kull xahar u annwali trażmessa mill-Istati Membri lill-Kummissjoni, fil-forma ta' tabelli aggregati); din tal-aħħar ġeneralment tinġabar permezz ta' sħarriġ tal-unitajiet domestiċi (*data* annwali trażmessa mill-Istati Membri lill-Kummissjoni, parzjalment fil-forma ta' tabelli aggregati, parzjalment fil-forma ta' mikrodata).

Fuq is-sit web tal-Eurostat hemm disponibbli settijiet ta' *data* komprensivi, tabelli sommarji u artikli<sup>5</sup>.

Minbarra l-istatistika disseminata fil-kuntest tar-Regolament, il-Eurostat jikkomplementa d-*data* dwar il-flussi tat-turiżmu b'informazzjoni dwar l-impjiegi relatati mat-turiżmu u dwar id-dimensjoni ekonomika tal-industrija tat-turiżmu, abbażi ta' statistika eżistenti dwar is-suq tax-xogħol jew statistika strutturali u għal żmien qasir dwar in-negozju. Kull tliet snin, il-Eurostat jippubblika wkoll rapport dwar il-kontijiet satellita tat-turiżmu, inkluż is-sitwazzjoni attwali metodoloġika dwar l-implimentazzjoni tat-TSA madwar l-Ewropa, kif ukoll *data*<sup>6</sup>.

#### 4. ATTI DELEGATI U MIŻURI TA' IMPLIMENTAZZJONI

Ir-Regolament (UE) Nru 692/2011 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni tadotta atti delegati li:

- jemendaw id-definizzjonijiet sabiex jirriflettu l-bidliet fid-definizzjonijiet internazzjonali (l-Artikolu 2(2));
- jemendaw l-iskadenzi għat-trażmissjoni tad-*data* sabiex jitqiesu l-iżviluppi ekonomiċi, soċjali u tekniċi (l-Artikolu 9(5)); u

<sup>4</sup> Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar "Xenarji lejn il-ħolqien konġunt ta' perkors ta' tranżizzjoni għat-turiżmu għal ekosistema aktar reżiljenti, innovattiva u sostenibbli" (SWD (2021)164 final, 21.6.2021).

<sup>5</sup> <https://ec.europa.eu/eurostat/web/tourism> (disponibbli bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż biss).

<sup>6</sup> <https://ec.europa.eu/eurostat/documents/7870049/10293066/KS-FT-19-007-EN-N.pdf> (edizzjoni tal-2019, bl-Ingliż biss).

- jadattaw l-Annessi sabiex jitqiesu l-iżviluppi ekonomiċi, soċjali u tekniċi.

Madankollu, il-Kummissjoni ma tistax tibdel id-dispożizzjonijiet fl-Annessi dwar in-natura fakultattiva tad-*data* meħtieġa u dwar il-limitazzjonijiet tal-kamp ta' applikazzjoni tagħha (l-Artikolu 3(2)).

Matul il-perjodu ta' rapportar, il-Kummissjoni adottat żewġ atti delegati:

- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1681<sup>7</sup>; u
- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1569<sup>8</sup>.

L-ewwel att tejjeb ir-rilevanza u t-tempestività tal-istatistika Ewropea dwar it-turiżmu, minħabba l-ħtiġijiet mibdula tal-utenti mill-adozzjoni tar-Regolament fl-2011. Tal-aħħar allinjat r-Regolament mar-Renju Unit bħala pajjiż mhux tal-UE (pajjiż terz) mill-1 ta' Frar 2020.

Rapport dwar l-eżerċizzju tas-setgħa li jiġu adottati atti delegati<sup>9</sup> ġie ppreżentat mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fi Frar tal-2021.

Ir-Regolament (UE) Nru 692/2011 jistipula li l-Kummissjoni trid tiddefinixxi, fil-forma ta' atti ta' implimentazzjoni, l-arranġamenti għar-rapporti tal-kwalità u l-istruttura tagħhom (l-Artikolu 6(4)) u l-arranġamenti prattiċi għat-trażmissjoni tad-*data* (l-Artikoli 9(2) u 9(3)).

Matul il-perjodu ta' rapportar, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1179<sup>10</sup> ġie adottat sabiex jallinja r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1051/2011 mar-rekwiżiti emendati stabbiliti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1681 imsemmi hawn fuq.

## 5. IMPLIMENTAZZJONI TAR-REGOLAMENT

Skont ir-Regolament (UE) Nru 692/2011, l-Istati Membri jiġbru, jikkompilaw, jipproċessaw u jittrażmettu statistika armonizzata dwar il-forniment u d-domanda tat-turiżmu. Il-Kummissjoni (Eurostat) tivvaluta l-kwalità tad-*data* li tirċievi u tippubblikaha fuq is-sit web tal-Eurostat fil-forma ta' tabelli predefiniti, bażijiet tad-*data* multidimensjonali u artikli analitiċi. Din it-taqsimha tevalwa l-implimentazzjoni tar-Regolament abbażi ta' kriterji ta' kwalità standard għall-istatistika Ewropea.

---

<sup>7</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1681 tal-1 ta' Awwissu 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 692/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Ewropea dwar it-turiżmu, fir-rigward tal-iskadenzi għat-trażmissjoni u l-adattament tal-Annessi I u II (ĠU L 258, 9.10.2019, p. 1).

<sup>8</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1569 tat-23 ta' Lulju 2020 li jemenda l-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 692/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, dwar il-klassifikazzjoni tal-pajjiżi tar-residenza tal-ospiti li jkunu qed joqogħdu fi stabbilimenti għall-akkomodazzjoni turistica fil-kuntest tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni (ĠU L 359, 29.10.2020, p. 1).

<sup>9</sup> Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-eżerċizzju tas-setgħa li tadotta atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 692/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Ewropea dwar it-turiżmu (COM/2021/86, 25.2.2021).

<sup>10</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1179 tas-16 ta' Lulju 2021 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1051/2011 fir-rigward tat-tabelli aggregati u l-fajls tal-mikrodata għat-trażmissjoni tad-*data* (ĠU L 256 19.7.2021, p. 89).

Abbażi tal-aktar stħarriġ riċenti dwar is-sodisfazzjon tal-utenti mwettaq mill-Eurostat (2020)<sup>11</sup>, 75 % tar-rispondenti (n = 180) ikklassifikaw il-kwalità ġenerali tal-istatistika Ewropea dwar it-turiżmu bħala “tajba ħafna jew tajba” u 19 % bħala “adegwata”.

## 5.1. Rilevanza

Ir-rilevanza tirreferi għall-grad ta' kemm l-istatistika tilħaq il-ħtiġijiet attwali u potenzjali tal-utenti.

Id-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) Nru 692/2011 tejjeb il-kompletezza u t-tempestività tal-istatistika dwar it-turiżmu u, bħala tali, żied ir-rilevanza tad-*data* għall-utenti. Il-Kummissjoni kompliet tindirizza l-ħtiġijiet tal-utenti permezz tal-qafas legali, iżda wkoll f'approċċ aktar sperimentali u *ad hoc*.

Minn naħa, ġie adottat att delegat, li tejjeb: il-kejl ta' fenomeni ġodda bħall-użu ta' pjattaformi ta' prenotazzjoni; it-tempestività tal-istatistika dwar l-akkomodazzjoni ta' kull xahar (it-tnaqqis tad-dewmien tat-trażmissjoni minn tliet xhur jew tmien ġimgħat għal sitt ġimgħat); u l-livell ta' dettall fl-istatistika annwali dwar l-akkomodazzjoni, billi tiġi inkluża *data* dwar ir-reġjuni u l-bliet tan-NUTS3 u *data* ta' kull xahar għar-reġjuni tan-NUTS2, li tippermetti monitoraġġ aħjar tal-istaġunalità tat-turiżmu.

Min-naħa l-oħra, tnedew inizjattivi volontarji jew *ad hoc* sabiex jagħmlu d-*data* disponibbli dwar it-TSA, jew sabiex jippermettu tweġibiet għal ħtiġijiet urġenti tal-utenti (eż. *data* ta' kull xahar skont il-pajjiż ta' oriġini tal-klijenti, fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19). Fl-2021, il-Kummissjoni ppubblikat ukoll l-ewwel *data* sperimentali dwar is-servizzi ta' akkomodazzjoni għal soġġorn qasir riżervati permezz ta' pjattaformi tal-ekonomija kollaborattiva online, miġbura direttament mill-pjattaformi permezz ta' ftehimiet. Il-Kummissjoni kompliet tesplora wkoll sorsi u metodi innovattivi tad-*data*, sabiex tkompli ttejjeb l-istatistika eżistenti jew sabiex tipproduċi statistika u indikaturi b'rilevanza politika għolja li qabel ma kinux disponibbli.

F'termini ta' rilevanza, l-isfidi ewlenin għall-istatistika Ewropea dwar it-turiżmu għall-ħames snin li ġejjin huma: valutazzjoni aktar fil-fond tal-importanza ekonomika tat-turiżmu permezz tal-qafas statistiku tal-kontabbiltà satellita tat-turiżmu; il-kejl tas-sostenibbiltà tat-turiżmu; u t-tħaddin ta' approċċi innovattivi għall-produzzjoni tal-istatistika dwar it-turiżmu.

## 5.2. Akkuratezza

L-akkuratezza tirreferi għal kemm l-istimi jqarrbu lejn il-valuri reali mhux magħrufa.

L-Istati Membri ġeneralment jikkoordinaw il-metodoloġija għall-ġbir tad-*data* bbażata fuq sistemi nazzjonali tal-istatistika u sorsi disponibbli, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Madankollu, ir-Regolament jirrikjedi li “l-Istati Membri għandhom jieħdu kwalunkwe miżuri li dawn iqisu bħala xierqa sabiex iżommu l-kwalità tar-riżultati” (l-Artikolu 8).

Sabiex timmonitorja l-kwalità tad-*data*, il-Kummissjoni tissoġġetta kull sett ta' *data* għal proċeduri stretti ta' validazzjoni. Kull sena, l-Istati Membri jibagħtu rapport dwar il-metadata li jkopri l-aspetti ewlenin tal-kwalità tal-istatistika mibgħuta lill-Eurostat. Dawn

---

<sup>11</sup> [https://ec.europa.eu/eurostat/documents/64157/4375449/Report\\_USS\\_2020.pdf](https://ec.europa.eu/eurostat/documents/64157/4375449/Report_USS_2020.pdf)

ir-rapporti dwar il-metadata huma disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tal-Eurostat<sup>12</sup>.

Mir-rapport tal-2016, il-Kummissjoni esplorat approċċi alternattivi sabiex ittejjeb il-kopertura ta' atturi iżgħar fis-settur tal-akkomodazzjoni, li spiss ma humiex koperti minn reġistri tan-negozju għal finijiet statistiċi jew minn reġistri tat-turiżmu amministrattiv. Id-dehra ta' pjattaformi tal-ekonomija kollaborattiva online tat spinta lill-importanza ta' dan is-segment tas-suq tal-kiri għal żmien qasir; hija ħolqot ukoll opportunitajiet sabiex titkejjel l-attività ta' dawn il-fornituri ta' servizzi permezz tal-impronta diġitali li jħallu fuq il-pjattaformi li jikkonnettjawhom ma' klijenti potenzjali.

Fl-2020, il-Kummissjoni ffirmat ftehimiet ma' erba' pjattaformi internazzjonali ewlenin<sup>13</sup>. Fl-2021, il-Eurostat ħareġ l-ewwel *data* skont dawn il-ftehimiet<sup>14</sup>.

Il-Eurostat jappoġġa lill-Istati Membri fl-esplorazzjoni ta' modi innovattivi sabiex tittejjeb il-kwalità tal-istatistika dwar it-turiżmu. Dan għen sabiex tittejjeb l-istatistika dwar id-domanda għat-turiżmu f'diversi Stati Membri billi ntużat informazzjoni awżiljarja minn, pereżempju, operaturi ta' networks mobbli jew webscraping. Inizjattivi bħal dawn se jibqgħu prijorità għall-Eurostat, filwaqt li jibnu fuq id-dokument ta' referenza "*Tourism statistics: early adopters of big data?*"<sup>15</sup>, ippubblikat fl-2017.

### 5.3. Tempestività u puntwalità

It-tempestività tirreferi għall-perjodu bejn id-disponibilità tal-informazzjoni u l-event jew il-fenomeno li dan jiddeskrivi. Il-puntwalità tirreferi għaż-żmien li jgħaddi bejn id-data ta' rilaxx tad-*data* u d-data fil-mira (id-data sa meta suppost kellha tintbagħat id-*data*).

L-istatistika Ewropea dwar it-turiżmu ġeneralment tiġi rilaxxata ftit jiem wara li tasal id-*data*, soġġetta għal validazzjoni b'suċċess. Il-Eurostat issa jippubblika l-aggregati tal-EU-27 għas-serje kollha; jekk id-*data* ma tkunx disponibbli għas-27 Stat Membru, jintużaw tekniki ta' stima malli d-*data* tkun disponibbli għal mill-anqas 15-il Stat Membru li flimkien jirrappreżentaw mill-anqas 65 % tal-valur totali ta' indikatur matul perjodu ta' referenza preċedenti.

Fir-rigward tal-iskadenzi tat-trażmissjoni, fl-2020 anqas minn wieħed minn disa' settijiet ta' *data* ta' kull xahar ma ntbagħatx sal-iskadenza indikata, u wieħed biss minn 50 fajl wasal aktar minn ġimgħa tard. Jenħtieġ li jiġi nnotat li l-2020 kienet l-ewwel sena ta' referenza għal skadenzi mqassra, wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1681. It-tempestività tajba tal-istatistika dwar l-akkomodazzjoni ta' kull xahar wasslet għall-inklużjoni ta' dawn is-serje fid-Dashboard Ewropew tal-istatistika tal-Irkupru<sup>16</sup> (stabbilit matul il-pandemija).

<sup>12</sup> [https://ec.europa.eu/eurostat/cache/metadata/en/tour\\_occ\\_esms.htm](https://ec.europa.eu/eurostat/cache/metadata/en/tour_occ_esms.htm) (għall-Anness I tar-Regolament, bl-Ingliż biss); [https://ec.europa.eu/eurostat/cache/metadata/en/tour\\_dem\\_esms.htm](https://ec.europa.eu/eurostat/cache/metadata/en/tour_dem_esms.htm) (għall-Anness II, bl-Ingliż biss).

<sup>13</sup> [https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/IP\\_20\\_194](https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/IP_20_194) (bl-Ingliż, bil-Ġermaniż u bil-Franċiż).

<sup>14</sup> [https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip\\_21\\_3293](https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip_21_3293) (bl-Ingliż, bil-Ġermaniż u bil-Franċiż).

<sup>15</sup> <https://ec.europa.eu/eurostat/documents/3888793/8234206/KS-TC-17-004-EN-N.pdf> (bl-Ingliż biss).

<sup>16</sup> <https://ec.europa.eu/eurostat/cache/recovery-dashboard/>

Għas-settijiet tad-*data* annwali, dovuti sitt xhur wara t-tmiem tas-sena ta' referenza, bejn 85 % u 90 % tal-fajls jaslu sal-iskadenza stipulata. Il-każijiet aktar persistenti huma mmonitorjati mill-qrib mill-Eurostat u diskussi mal-awtoritajiet nazzjonali fil-livell xieraq. Ir-rapporti dwar il-konformità huma diskussi mal-Istati Membri f'intervalli regolari.

Aktar titjib fit-tempestività jibqa' fuq l-aġenda tal-Kummissjoni (Eurostat).

#### 5.4. Aċċessibilità u ċarezza

L-aċċessibilità u ċ-ċarezza jirreferu għall-kundizzjonijiet u għall-modalitajiet li bihom l-utenti jistgħu jiksbu, jużaw u jinterpretaw id-*data*.

L-istatistika kollha hija disponibbli b'xejn fuq is-sit web tal-Eurostat. Id-*data* hija disponibbli bħala tabelli predefiniti jew bħala tabelli multidimensjonali li l-utenti jistgħu jadattaw skont il-ħtiġijiet ta' riċerka tagħhom. Il-Eurostat jagħmel ukoll estrazzjonijiet personalizzati sabiex jiġu indirizzati talbiet speċifiċi għall-utenti; sabiex titrawwem it-trasparenza, tali estrazzjonijiet isiru disponibbli għall-pubbliku ġenerali permezz tal-extranet tas-CIRCABC.

Minbarra t-tabelli tad-*data*, l-utenti jistgħu jikkonsultaw ukoll artikli aġġornati regolarment jew *ad hoc* li jiffokaw fuq aspetti speċifiċi tat-turiżmu, spiss akkumpanjati minn aħbarijiet jew rilaxxi tal-aħbarijiet viżibbli ħafna. Fl-aħħar nett, il-Eurostat jipprova b'mod attiv ir-rilaxxi dwar l-istatistika tat-turiżmu permezz tad-diversi mezzi tal-media soċjali tiegħu.

#### 5.5. Komparabbiltà

Il-komparabbiltà tirreferi għall-kejl tal-impatt tad-differenzi fil-kunċetti applikati tal-istatistika, l-ġhodod u l-proċeduri tal-kejl, fejn l-istatistika titqabbel bejn iż-żoni ġeografiċi, id-dominji settorjali jew matul iż-żmien.

Dan ir-Regolament stabbilixxa qafas komuni għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni sistematiċi tal-istatistika Ewropea dwar it-turiżmu (l-Artikolu 2). Objettiv sottostanti ta' dan il-qafas huwa li jrawwem l-armonizzazzjoni tal-kunċetti, id-definizzjonijiet, il-klassifikazzjonijiet u l-metodoloġiji. Il-Eurostat u l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-istatistika dwar it-turiżmu jiddiskutu u jallinjaw il-kwistjonijiet metodoloġiċi f'task forces, fi gruppi ta' ħidma jew fi gruppi ta' esperti ddedikati. Fuq bażi ta' kuljum, il-linji gwida rakkomandati fil-Manwal Metodoloġiku għall-Istatistika dwar it-Turiżmu<sup>17</sup> (l-Artikolu 10) jikkontribwixxu għal *data* dwar it-turiżmu armonizzata u komparabbli għall-Unjoni Ewropea. B'riżultat ta' dan, il-komparabbiltà matul iż-żmien u bejn il-pajjiżi u r-reġjuni hija pjuttost tajba.

#### 5.6. Koerenza

Il-koerenza tirreferi għall-adeġwatezza tad-*data*, sabiex tkun tista' tiġi kkombinata b'mod affidabbli f'modi differenti u għal użi varji.

L-istatistika turi grad qawwi ta' koerenza mad-*data* prodotta minn organizzazzjonijiet nazzjonali u internazzjonali. Il-kooperazzjoni bejn id-dominji fil-Eurostat jew fi ħdan is-Sistema Ewropea tal-Istatistika kkontribwiet għall-koerenza tal-istatistika dwar it-turiżmu

---

<sup>17</sup> <https://ec.europa.eu/eurostat/documents/3859598/6454997/KS-GQ-14-013-EN-N.pdf/>

mad-*data* ekonomika, kummerċjali jew tas-suq tax-xogħol relatata. Għal dan il-għan, id-*data* eżistenti minn dominji relatati tintuża mill-ġdid għal analiżi aktar fil-fond tal-industriji li huma rilevanti għat-turiżmu. F'dan il-kuntest, titjib ulterjuri tal-koerenza tad-*data* fil-livell tas-settur minn serje statistika differenti tal-Eurostat jista' jtejjeb l-analiżi tal-industriji li jappartjenu għall-ekosistema tat-turiżmu.

Fil-futur, implimentazzjoni sistematika tal-kontijiet satellita tat-turiżmu tista' tikkontribwixxi wkoll għal koerenza aktar b'saħħitha, b'mod partikolari, mal-kontijiet nazzjonali.

## 6. PIŻ U KOSTEFFETTIVITÀ

Ir-Regolament joffri flessibilità lill-kompilaturi nazzjonali tad-*data* sabiex jagħżlu l-aktar sorsi ta' *data* xierqa (l-Artikolu 8): sħarriġ, *data* amministrattiva u proċeduri xierqa għall-istima statistika. Il-piż u l-kosteffettività huma tipikament parametri sinifikanti fl-għażla tal-Istati Membri tas-sorsi tad-*data* u tal-metodoloġija. Mir-rapport preċedenti, il-potenzjal ta' sorsi ġodda tad-*data* kompli jiżdied u l-Artikolu 8 jippermetti, fil-prinċipju, l-użu ta' tali sorsi jew metodi innovattivi bħala parti mis-sistema tal-produzzjoni.

Il-piż u l-kosteffettività spiss jinvolvu kompromess mal-kwalità tad-*data*. L-Anness I tar-Regolament jippermetti lill-Istati Membri jillimitaw il-kamp ta' applikazzjoni tal-osservazzjoni stabbilit fl-Artikolu 4(a) sabiex jinkludu biss stabbilimenti li jaqbuż ċertu limitu ta' kapacià. Din il-limitazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tnaqqas b'mod sinifikanti l-piż impost fuq l-iżgħar negozji, iżda tista' tikkawża wkoll nuqqas ta' kopertura ta' dan is-segment fl-istatistika uffiċjali. Madankollu, żviluppi riċenti bħall-esplorazzjoni tad-*data* minn pjattaformi tal-ekonomija kollaborattiva online jgħinu sabiex jimtlew il-lakuni fid-*data* b'mod aktar kosteffettiv. Approċċi innovattivi oħrajn li bħallissa qegħdin jiġu esplorati mill-Eurostat, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, għandhom ukoll il-potenzjal li jindirizzaw il-piż, filwaqt li jtejjbu l-kopertura tad-*data*.

Fl-aħħar nett, l-użu ta' moduli li jinbidlu (id-*data* meħtieġa kull tliet snin) u varjabbli jew analiżijiet fakultattivi jgħin sabiex jiġi limitat il-piż fuq ir-rispondenti.

## 7. PROSPETTIVA

L-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 692/2011 ċertament ipprovdiet lill-utenti fil-livell internazzjonali, nazzjonali u subnazzjonali b'sistema solida, affidabbli u armonizzata ta' informazzjoni dwar it-turiżmu. Madankollu, għaxar snin wara, is-settur tat-turiżmu u l-prijoritajiet tal-politika jew tas-soċjetà relatati mat-turiżmu evolwew. Barra minn hekk, l-istatistika uffiċjali daħlet fis-seklu 21 u qiegħda tipprowa titbiegħed minn tekniki tradizzjonali bbażati fuq l-istħarriġ u timmodernizza l-produzzjoni tal-istatistika.

Għalhekk, il-Kummissjoni (Eurostat) bdiet tiskambja fehmiet mal-utenti u mal-produtturi tal-istatistika dwar it-turiżmu sabiex tidentifika l-punti b'saħħithom u d-dgħufijiet tal-qafas attwali u ttejjeb ir-rilevanza tal-indikaturi. B'mod parallel ma' dan il-proċess ta' reviżjoni, l-inizjattivi ta' innovazzjoni wasslu għal riċerka promettenti dwar l-użu ta' sorsi alternattivi ta' *data* u għar-rilaxx ta' statistika sperimentali li tinkludi indikaturi li qabel ma kinux disponibbli.

L-ewwel diskussjonijiet identifikaw il-kontijiet satellita tat-turiżmu u l-kejl tas-sostenibbiltà tat-turiżmu bħala dimensjonijiet importanti ta' kwalunkwe reviżjoni għall-bażi ġuridika. Ma hijiex koinċidenza li dawn is-suġġetti diġà ġew enfasizzati fir-Regolament, għalkemm bħala sejħa għat-tfassil ta' programm għal studji pilota f'dawn l-oqsma (l-Artikolu 5). Barra minn hekk, il-proċess ta' reviżjoni jenħtieġ li jqis l-isforzi li għaddejjin sabiex tinġabar *data* bażika minn sorsi ġodda u innovattivi bil-għan li jittejbu r-rilevanza, it-tempestività u l-kopertura tal-qafas statistiku.